MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2013

Numru. 308/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Keith Arnaud**

**vs**

**Mario Borg**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Mario Borg ta’ 31 sena, iben Anthony u Philippa nee’ Cortis, mwieled il-Pieta’ nhar l-24 ta’ Jannar 1979 u residenti gewwa 22, Triq Sant’ Antnin, Zebbug u detentur tal-karta tal-identita’ numru 87979(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

B’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda ;

Flimkien ma' persuni ohra, f'hinijiet matul il-gurnata, bejn ix-xhur ta' Lulju 2010 u Settembru 2010, minn gewwa fond numru minghajr numru fi Triq il-Wied, l-Imsida, ikkommetta serq ta' oggetti, liema serq huwa aggravat bil-mezz u dan ghad-detriment ta' persuna jew persuni mhux maghrufa ;
Flimkien ma' persuna ohra, f'xi gurnata bejn Mejju 2010 u Lulju 2010, f'xi hin filghaxija, minn gewwa l-fond numru 62 u 63, Triq ix-Xatt, Pieta', ikkommetta serq ta' oggetti, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, dan ghad-detriment ta' persuna jew persuni mhux maghrufa.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta' Frar 2011 (esebit *a folio* 8 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-7 ta' April 2011 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw zewg serqiet li saru bejn Lulju u Settembru 2010 u Mejju u Lulju 2010 minn zewg fondi separati, wiehed konsistenti f'kerrejja mhux abitata l-Imsida u l-iehor konsistenti f'dar mhux abitata f'62/63, The Strand, Tal-Pieta'. Kif jirrizulta mix-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur f'dan il-kaz, l-Ispettur Keith Arnaud[1] waqt li l-Pulizija kienet qed tinvestiga serqiet ohra li saru f'postijiet mhux abitati f'B'Kara gew arrestati certu Raymond Zammit u Brian Pace fejn dawn ammettew l-involviment taghhom fis-serqiet minn gewwa l-fondi f'B'Kara u nfurmaw lil Pulizija li

[1] Vide xheida isnerita a fol. 12 et sequitur tal-atti processwali.

huma kienu jsibu postijiet mhux abitati, jidhlu fihom u jisirqu minnhom oggetti ta' antikita'. Huma taw informazzjoni lil Pulizjia dwar serqiet ohra li kienu ghamlu u qalulhom li meta dahlu f'kerrejja l-Imsida u fil-fond f'The Strand, Pieta' kienu wkoll akkompanjati mill-imputat fil-kawza odjerna, u cioe' Mario Borg. Mid-dar tal-Imsida qalu li ttiehdet linfa u xi globi li kien hemm mal-art u spiritiera u mid-dar tal-Pieta' ttiehdet pittura. Huma qalu lil Pulizija li meta dahlu fid-dar tal-Imsida l-imputat kien akkompanjhom bil-vettura tieghu u li meta dahlu fil-fond f'Tal-Pieta' huma kienu qalghu xi knaten mill-hajt tal-fond 62 sabiex jidhlu fil-fond 63. Irrizulta wkoll li Mario Borg kien jaf liz-zewg persuni l-ohra ghaliex huwa kellu relazzjoni ma kull wiehed minnhom fiz-zmien li saru s-serqiet in dizamina liema relazzjonijiet gew terminati fil-perijodu bejn is-serqiet u l-arrest taghhom u li fiz-zmien tal-arrest Brian Pace u Raymond Zammit kellhom relazzjoni flimkien. Meta saret tfittxija fid-dar ta' Mario Borg instabu linfa u spiritiera li Pace u Zammit indikaw li kienu ttiehdu mid-dar tal-Imsida. A tempo vergine meta gie nterrogat mill-Pulizija[2] l-imputat qal li ma tantx kien jaf lil Pace u Zammit u ghall-ewwel qal li ma kienx jiftakar li kien dahal f'xi djar mhux abitati ma dawn it-tnejn fl-Imsida u Tal-Pieta' u wara qal li ma kienx minnu dak li kien qed jigi allegat minn dawn it-tnejn Huwa rega' cahad l-involviment tieghu fis-serqiet in dizamina meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2012 u spjega li l-affarijiet li nsatbu fir-residenza tieghu kienet tathomlu ommu u xi hbieb tieghu u qal li huwa kien inghata diversi oggetti antiki minn varji persuni stante li kien qed jarma d-dar tieghu fuq stil antik.

Minn ezami tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jirrizulta minghajr dubju li l-istess Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz tagha kontra l-imputat fuq ix-xhieda ta' Brian Pace u Raymond Zammit[3]. Jekk wiehed jezamina dak li qalu dawn it-tnejn min-nies fil-konfronti tal-imputat u jaccetta t-tezi taghhom jinduna li skond il-verzjoni tal-fatti taghhom l-imputat kien komplici maghhom fis-serqiet in

[2] Vide stqarrija nserrita a fol. 20 sa 24 tal-atti processwali.
[3] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenzi tal-4 ta' Ottubru 2012 u tas-17 ta' Mejju 2012 rispettivament.

dizamina. Ghalhekk peress li f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni qed isostni l-kaz taghha kontra l-imputat fuq ix-xhieda ta' Zammit u Pace il-Qorti trid bilfors tezamina il-posizzjoni legali konnessa mal-ammissibilita' tax-xhieda tal-komplici. L-Artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk fir-rigward:-

"*(3) Meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttiva lil gurati biex jiznu x-xhieda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserhu fuqha u jaslu biex isibu hati lil akkuzat*.

Din id-dispozizzjoni, kif vigenti llum, giet introdotta fl-imsemmija Kodici permezz ta' l-Att XVI ta' l-2006 li gie fis-sehh fit-3 ta' Ottubru 2006. L-istess subartikolu, qabel din l-emenda, kien jiddisponi hekk :

*'Meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat f'xi procediment ghal xi reat li ma jkunx wiehed minn dawk imsemmija fl-artikoli 112 sa 118, 120, 121,124 sa 126, u 138, ikun il-komplici, u x-xhieda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b' cirkostanzi ohra, ix-xhieda ta' dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati.'*

Fil-kaz odjern l-allegati reati sehhew wara li giet emendata l-ligi u ghalhekk isegwi li x-xhieda tal-komplici ma tehtiegx korroborazzjoni izda nonostante cio' xorta wahda trid tittiehed b'certu kawtela. Din il-Qorti wara li ezaminat ukoll il-provi migjuba mid-Difiza ma jidrilhiex li ghandha tiehu in konsiderazzjoni x-xhieda ta Zammit u Pace ghall-finijiet ta' sejbien ta' htija u dan ghal diversi ragunjiet fosthom li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li l-oggetti li nstabu fir-residenza tieghu u li Pace u Zammit biss[4] qed jghidu li ttiehdu mill-fond fl-Imsida effettivament inghataw lilu minn terzi persuni (vide x-xhieda ta' omm l-imputat Filippa Borg inserita a fol.159 sa 162 tal-atti processwali u x-xhieda ta' George Cassar a fol. 167 sa 173). Huwa rnexxielu wkoll jipprova sal-grad

[4] Ma ngabet l-ebda prova ohra li tindika li dawn l-oggetti gew misruqa mill-fondi fl-Imsida u tal-Pieta'.

tal-probabbli li Pace u Zammit seta’ kellhom ragunijiet ulterjuri minhabba r-relazzjonijiet li kien hemm bejniethom sabiex jinvolvu lill-imputat meta huma inqabdu u gew interrogati mill-Pulizija. Il-Qorti inoltre setghat tinnota certu nkonsistenzi fix-xhieda taghhom bhal meta huma indikaw il-perijodu li fih allegatament sehhew iz-zewg serqiet in dizamina liema perijodi ma jikkombacjawx mad-dati indikati fic-charge sheet. Dawn il-fatturi kollha jgeghlu lil din il-Qorti jkollha dubji serji dwar il-kredibilita’ ta’ dawn ix-xhieda.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li x-xhieda ta’ Brian Pace u Raymond Zammit wahidhom li ma hija korroborata minn ebda prova ohra ma hijiex bizzejjed sabiex jitqies li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha kontra l-impuat sal-grad ta’ lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni kif rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------